Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3189

16.12.2024

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/3189

tas-16 ta' Diċembru 2024

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([2]) jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(2) Fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3182 ([3]), li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/3182 tintroduċi deroga li tippermetti r-rilaxx ta' bilanċi ta' flus li huma miżmuma minn depożitorji ċentrali tat-titoli, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), fl-Unjoni u attribwibbli għal entitajiet iddeżinjati. Dik id-deroga hija meħtieġa fil-kuntest taż-żieda fil-litigazzjoni u l-miżuri ta' ritaljazzjoni fir-Russja li jippermettu lil ċerti entitajiet iddeżinjati u lill-klijenti sottostanti tagħhom jissekwestraw l-assi ta' depożitorji ċentrali tat-titoli fl-Unjoni li huma miżmuma fir-Russja, mingħajr il-kunsens minn qabel ta' dawk id-depożitorji. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' deroga li skontu d-depożitorji ċentrali tat-titoli fl-Unjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex ineħħu l-iffriżar tal-bilanċi tal-flus sabiex id-depożitorji ċentrali tat-titoli fl-Unjoni jkunu jistgħu jużaw dawk il-bilanċi tal-flus li ma għadhomx dovuti lil entitajiet iddeżinjati biex jissodisfaw l-obbligi legali ta' dawk id-depożitorji lejn il-parteċipanti tagħhom.

(3) L-emenda li saret lid-Deċiżjoni 2014/145/PESK bid-Deċiżjoni (PESK) 2024/3182 taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi implimentata, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6b, il-paragrafu 5f huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5f. B'deroga mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-individwi elenkati taħt l-entrati numru 92, 694 u 920 taħt l-intestatura 'Persuni' fl-Anness I, wara li jkunu ddeterminaw li:

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (PESK) 2024/3182 tas-16 ta' Diċembru 2024 li jemenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L, 2024/3182, 16.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3182/oj).
([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għall-bejgħ u t-trasferiment sat-30 ta' Ġunju 2025 ta' drittijiet proprjetarji li jkunu direttament jew indirettament proprjetà ta' wieħed minn dawk l-individwi f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni; u

(b) ir-rikavat minn tali bejgħ u trasferiment jiġi ffriżat.";

(2) fl-Artikolu 6b, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5j. B'deroga mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' bilanċi tal-flus iffriżati minn depożitorju ċentrali tat-titoli skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u attribwibbli lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jew lil entità oħra elenkata taħt dik l-intestatura, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) id-depożitorju ċentrali tat-titoli kkonċernat iżomm kont jew kontijiet mal-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(b) l-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jew entità oħra elenkata taħt dik l-intestatura żżomm kont jew kontijiet mad-depożitorju ċentrali tat-titoli li jkollu l-bilanċ tal-flus li għandu jiġi rilaxxat;

(c) l-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness I ta' dan ir-Regolament tkun iddebitat ammont mill-kont jew mill-kontijiet imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, skont liġi, digriet, regolament, deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra, direttament jew indirettament attribwibbli lill-Federazzjoni Russa, mingħajr il-kunsens minn qabel tad-depożitorju ċentrali tat-titoli kkonċernat;

(d) il-bilanċ ta' flus rilaxxat għandu jintuża mid-depożitorju ċentrali tat-titoli kkonċernat biex jissodisfa l-obbligi legali tiegħu lejn il-parteċipanti tiegħu u ma jaqbiżx l-ammont iddebitat imsemmi fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu; u

(e) il-bilanċ tal-flus rilaxxat ma jkunx disponibbli bi ksur tal-Artikolu 2(2).".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS